



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14542/22
ADD 1

LIMITE

CORLX 1051
CFSP/PESC 1519
CODUN 58
COARM 229
CONUN 266

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	DOKUMENT TA' PROĠETT "Nilliberaw l-innovazzjoni: it-Teknoloġiji Abilitanti u s-Sigurtà Internazzjonali"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument HR(2022) 268.

Mehmuż: HR(2022) 268



DOKUMENT TA' PROĠETT
"Nilliberaw l-innovazzjoni: it-Teknoloġiji Abilitanti u s-Sigurtà Internazzjonali"
HR(2022) 268

Introduzzjoni

L-avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija huma faċilitaturi ewlenin tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali u tal-prosperità. Madankollu, kif indikat mis-Segretarju Ġenerali tan-NU fir-rapport tal-2021 dwar "[*Current developments in science and technology and their potential impact on international security and disarmament efforts*](#)" (L-iżviluppi attwali fix-xjenza u t-teknoloġija u l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà internazzjonali u l-isforzi għad-diżarm), hemm tħassib dejjem jikber li l-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija li huma rilevanti għas-sigurtà u d-diżarm qed jisbqu l-kapaċità tal-oqfsa normattivi u ta' governanza li jifhmu u jimmaniġġjaw ir-riskji.

L-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR) huwa istituzzjoni awtonoma fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti li tagħmel riċerka indipendenti dwar id-diżarm u problemi relatati, b'mod partikolari kwistjonijiet ta' sigurtà internazzjonali. Storikament, l-UNIDIR kellu rwol ewlieni fl-appoġġ għall-isforzi biex jiġu mifhuma l-implikazzjonijiet ta' sigurtà tal-avvanzi teknoloġiċi rapidi u trasformattivi u jkun hemm rispons għalihom. Illum, din il-ħidma hi mmexxija minn **Programm għas-Sigurtà u t-Teknoloġija** (SECTEC) pluriennali dedikat li huwa fornitur ewlieni tal-għarfien għall-komunità diplomatika internazzjonali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili u jibni pont bejniethom (aktar minn 13,000 pubblikazzjoni ddawnlowdjati u 'l fuq minn 6,500 parteċipant f'avvenimenti fl-aħħar sentejn biss). Il-ħidma tas-SECTEC kisbet ukoll impatt importanti fuq il-politika inkluż referenzi speċifiċi f'żewġ rapporti ta' kunsens dwar iċ-ċibersigurtà internazzjonali adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-NU.

Il-proġett propost fuq sentejn intitolat **"Nilliberaw l-innovazzjoni: it-Teknoloġiji Abilitanti u s-Sigurtà Internazzjonali"** ser jiffoka fuq **teknoloġiji abilitanti essenzjali magħżula** u l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà internazzjonali. Il-ħidma taħt dan il-proġett ser tiġi organizzata fi tliet linji ta' ħidma kif deskritt fid-dettall fit-taqsima li ġejja.

Il-proġett ser ikun integrat bis-sħiħ fil-programm ta' ħidma usa' tas-SEC TEC, jisfrutta riżorsi u networks tal-għarfien diġà stabbiliti bħala parti mill-programm usa' u jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi ġenerali tiegħu li huma allinjati mill-qrib mal-[mandat ċentrali tal-Istitut](#):

- **Jissawru l-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet.** L-innovazzjoni teknoloġika żżid saffi ġodda ta' inċertezza għall-ambjent tas-sigurtà dinji u tippreżenta sfida għal kif inhu mifhum tradizzjonalment il-konflitt kif ukoll għall-kunċetti u r-rispons fir-rigward tal-kontroll tal-armi. Il-makkinarju multilaterali tad-diżarm, kif ukoll il-mekkaniżmi reġjonali u nazzjonali, ser ikollhom bżonn jadattaw l-għodod u l-proċessi tagħhom biex jiżviluppaw politiki effettivi ta' rispons għat-teknoloġiji l-ġodda. Il-ħidma tas-SEC TEC ser tipprova tinforma lit-tfassil ta' daww il-politiki ta' rispons u tikkontribwixxi għalih permezz tal-produzzjoni ta' għarfien, l-għoti ta' pariri u l-ħolqien ta' ideat.
- **Titnaqqas il-lakuna tal-għarfien dwar l-aspetti teknoloġiċi tas-sigurtà internazzjonali.** Bosta sfidi u opportunitajiet tat-teknoloġiji l-ġodda jirriżultaw mill-karatteristiċi tekniċi tagħhom, u dan jagħmilha diffiċli li tiġi implimentata azzjoni ta' politika jew regolatorja jekk it-teknoloġija inkwistjoni, inkluż ir-riskji u l-opportunitajiet, ma tkunx mifhuma b'mod adegwat. Dan huwa aggravat aktar minħabba n-natura inerenti ta' użu doppju (jew kollu) ta' ħafna minn dawn l-innovazzjonijiet, li tirrikjedi li jkunu mifhuma b'mod aktar ġenerali l-effetti u d-dipendenzi possibbli, mifruxa fuq diversi oqsma, ta' kwalunkwe politika jew azzjoni regolatorja.
- **Jinbnew pontijiet bejn il-komunitajiet.** Fi żmien meta qed jiżdiedu l-instabbiltà u n-nuqqas ta' fiduċja globali, b'espansjoni tal-atturi, distribuzzjoni akbar tal-għarfien u tal-għarfien espert, u għażliet aktar limitati ta' forom tradizzjonali ta' regolamentazzjoni, hemm hteġa urġenti li l-komunitajiet differenti jersqu lejn xulxin u jiskambjaw l-ideat tagħhom biex jinfurmaw l-aġendi rispettivi. Dan japplika għall-komunitajiet li joperaw f'setturi differenti (eż. il-gvernijiet, l-industrija, is-soċjetà ċivili), kif ukoll għall-komunitajiet fi ħdan il-makkinarju multilaterali li tradizzjonalment joperaw f'silos differenti (eż. is-sigurtà internazzjonali, l-iżvilupp, il-kooperazzjoni diġitali, il-kriminalità). Is-SEC TEC ser jisfrutta l-pożizzjoni unika tal-UNIDIR biex jaħdem f'silos tradizzjonali differenti fi sforz biex jikkollega flimkien diskorsi dejjem aktar interdipendenti, jibni pontijiet bejn il-komunitajiet u jikkonsolida l-għarfien.

PROĠETT

Ir-rispons għall-isfidi u l-isfruttament tal-opportunitajiet ippreżentati mill-avvanzi teknoloġiċi fil-kuntast tal-paċi u s-sigurtà huwa komputu kumpless. F'termini ġenerali, jeħtieġ li wieħed ikun jista' jifhem x'inhi t-teknoloġija, kif tista' tintuża u b'liema effett, u liema għodod ta' governanza huma disponibbli biex jidderieġu jew jikkontrollaw l-iżvilupp u l-użu tagħha. Il-proġett propost "**Nilliberaw l-innovazzjoni: it-Teknoloġiji Abilitanti u s-Sigurtà Internazzjonali**" għandu l-għan li jespjora l-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-governanza ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali magħżula u r-rilevanza

tagħhom għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali permezz tat-tliet linji ta' ħidma deskritti hawn taħt.

Għall-fini ta' dan il-proġett, it-teknoloġiji abilitanti huma definiti bħala dawk li jippermettu jew jixprunaw l-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u impatt akbar f'oqsma oħra ta' applikazzjoni fl-ambitu tal-ħidma għas-SECTEC tal-UNIDIR, jiġifieri ċ-Ċibernetika, l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Awtonomija u l-Integrazzjoni tas-Sistemi. Dan huwa konsistenti mal-[politika tal-UE dwar it-teknoloġiji abilitanti essenzjali](#) li tirrikonoxxi r-rwol fundamentali ta' dawn it-teknoloġiji trasversali bħala muturi tal-innovazzjoni fis-setturi u l-applikazzjonijiet kollha.

Dan il-proġett ser jiffoka fuq l-opportunitajiet u l-isfidi marbuta ma' erba' teknoloġiji abilitanti meqjusa bħala partikolarment rilevanti mill-perspettiva tas-sigurtà: **materjali avvanzati** (eż. semikondutturi, mikro- u nanoteknoloġiji), **partijiet u komponenti** (eż. mikroċipep, sensuri), **infrastruttura** (eż. l-infrastruttura tal-konnettività tal-ġenerazzjoni li jmiss – il-5G u s-6G, l-internet tal-oġġetti, il-cloud, l-internet sovrani) u **proċessar u computing** (eż. cloud, edge u quantum computing).

1. Linja ta' ħidma nru 1: Monitoraġġ tax-xejriet u titjib fis-sensibilizzazzjoni dwar l-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija

1.1. Għan

L-għan ta' dan il-linja ta' ħidma huwa li jiġu identifikati teknoloġiji ġodda u emerġenti u li dawn ikunu mifhuma, kif ukoll applikazzjonijiet ġodda ta' dawk aktar stabbiliti. Din il-linja ta' ħidma ser tkun iddedikata l-aktar sabiex dawk li jfasslu l-politika u li jieħdu d-deċiżjonijiet jingħataw għarfien aċċessibbli dwar l-oqsma tat-teknoloġija li qed jiġu eżaminati, mibni fuq evidenza teknikament u xjentifikament soda.

1.2. Riżultati mistennija:

- a) Tħejjija aħjar ta' dawk li jfasslu l-politika u li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-rigward tal-isfidi u l-opportunitajiet maħluqa mit-teknoloġiji l-ġodda u emerġenti.
- b) Ir-rabtiet u l-konverġenzi fost it-teknoloġiji differenti jkunu mifhuma aħjar.
- c) Sensibilizzazzjoni akbar dwar ir-riskji u l-benefiċċji potenzjali tat-teknoloġiji l-ġodda u forniment ta' mezzi ta' twissija bikrija għall-istati b'kapaċità limitata li jwettqu analiżi tal-prospettivi.

1.3. Deskrizzjoni tal-linja ta' ħidma

Din il-linja ta' ħidma ser tkun magħmula minn żewġ attivitajiet ewlenin. L-ewwel waħda ser tippermetti l-ħolqien ta' funzjoni ta' **analiżi kontinwa tal-prospettivi teknoloġiċi** biex tiżgura li l-aktar avvanzi rilevanti fix-xjenza u t-teknoloġija jiġu identifikati, skrinjati u analizzati fl-ewwel stadji tal-iżvilupp jew tal-applikazzjoni. Din l-attività ser tirriżulta **f'żewġ kompendji annwali tal-aktar xejriet rilevanti fl-innovazzjoni teknoloġika** hekk kif jappartjenu għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Is-sejbiet ta' din l-attività ser ikunu komplementari għall-ħidma mwettqa fi proċessi multilaterali uffiċjali bħas-CCW u l-*Grupp ta' esperti governattivi fit-teknoloġiji emerġenti fil-qasam tas-sistemi ta' armi awtonomi letali*, u l-*Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar is-sigurtà tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-użu tagħhom*, u mhux jidduplikawha, u ser jintużaw biex jikkontribwixxu għall-ġabra usa' ta' attivitajiet multilaterali rilevanti bħar-rapport annwali tas-SĠ tan-NU dwar ir-[rwol tax-xjenza u t-teknoloġija fil-kuntest tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali](#), l-[Aġenda Komuni](#), inkluż l-aġenda għda għall-paċi, u s-Summit għall-Futur 2023.

It-tieni attività f'din il-linja ta' ħidma ser tinvolvi l-organizzazzjoni ta' **tmien kolazzjonijiet teknoloġiċi** maħsuba biex joffru l-oportunità, kull tliet xhur, biex il-komunità diplomatika f'Ġinevra u fi New York titgħallem u tiddiskuti, f'kuntest informali u f'kuntest dirett mal-esperti, dwar teknoloġiji abilitanti speċifiċi rilevanti għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Kull avveniment ser isir darbtejn: l-ewwel darba bi preżenza fiżika f'Ġinevra u t-tieni darba b'mod virtwali għall-komunità ta' New York.

2. Linja ta' ħidma nru 2: Fehim tal-impatt tax-xjenza u t-teknoloġija fuq il-paċi u s-sigurtà internazzjonali

2.1. Għan

L-għan ta' din il-linja ta' ħidma huwa li jiġi mifhum kif jistgħu jintużaw teknoloġiji abilitanti ġodda, u x'effett jistgħu jiksibu, f'kuntesti ta' sigurtà. Il-ħidma mwettqa f'dan il-pilastru ser tiffoka wkoll fuq il-konverġenza dejjem akbar tat-teknoloġiji differenti u l-applikazzjonijiet trasversali tagħhom. B'mod partikolari, din il-linja ta' ħidma ser tenfasizza kif l-avvanzi fit-teknoloġiji abilitanti ser isawru l-futur tal-konflitti u tal-kampijiet tal-battalja.

2.2. Riżultati mistennija:

- a) Il-komunità tat-tfassil tal-politika tifhem aħjar l-impatt tat-teknoloġiji abilitanti l-ġodda u emerġenti fuq il-paċi u s-sigurtà.
- b) Tiżdied il-kapaċità li jiġu stabbiliti rabtiet u konnessjonijiet bejn l-oqsma ta' applikazzjoni tat-teknoloġiji differenti, li jirriżulta f'diskussjonijiet infurmati aħjar dwar il-politika fid-dominji u l-proċessi kollha u bejniethom.
- c) Tiżdied il-kapaċità li jiġu identifikati possibbiltajiet għal interventi ta' politika maħsuba biex inaqqsu r-riskji maħluqa mit-teknoloġiji l-ġodda mingħajr ma jxekklu l-progress u l-innovazzjoni.

2.3. Deskrizzjoni tal-linja ta' ħidma

Din il-linja ta' ħidma ser tinvolvi t-tweġġ ta' **erba' studji ta' riċerka**, wieħed għal kull waħda mis-subkategoriji ta' teknoloġiji abilitanti li qed jiġu kkunsidrati. Kull studju ta' riċerka ser ikollu l-għan li jipprovdi kemm introduzzjoni għat-teknoloġija nnifisha kif ukoll analiżi tal-impatti pożittivi u negattivi li dik it-teknoloġija jista' jkollha fuq il-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Il-metodoloġija tar-riċerka użata biex isiru daww il-valutazzjonijiet tal-impatt ser tqis mhux biss il-mezzi militari iżda, fejn ikun rilevanti u applikabbli, fatturi politiċi, ekonomiċi, soċjali, teknoloġiċi, legali u ambjentali (analiżi PESTLE). Dawn l-istudji ta' riċerka ser jirriżultaw f'rapporti bil-miktub b'sommarji eżekuttivi magħmula disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tan-NU sabiex jaslu u jintlaħqu aktar (it-traduzzjoni tar-rapporti sħaħ ser issir skont il-ħin u r-riżorsi disponibbli).

Barra minn hekk, b'rikonoxximent tal-ekosistema politika, militari, legali u teknika kumplessa fejn jiġu żviluppati u implimentati dawn it-teknoloġiji, din il-linja ta' ħidma ser torganizza **erba' djalogi bejn il-partijiet ikkonċernati** biex tikkomplementa l-attivitajiet ta' riċerka u thegġegħ l-iskambju ta' fehmiet u t-trasferiment tal-għarfien fost komunitajiet differenti tal-partijiet ikkonċernati. Il-format ta' dawn il-laqqgħat ser ikun ibridu u l-ħin jingħażel biex ikunu aċċessibbli għal udjenzi minn madwar id-dinja kollha.

3. Linja ta' ħidma nru 3: Immodernizzar tal-kontroll tal-armi u tfassil ta' risposti ta' governanza għas-seklu 21

3.1. Għan

L-għan ta' din il-linja ta' ħidma hu li jiġi esplorat jekk teknoloġiji abilitanti ġodda jgħallqux sfidi ġodda ta' governanza u, jekk iva, kif is-sett tal-għodod tradizzjonali għall-kontroll tal-armi jista' jiġi modernizzat biex jindirizzahom. Barra minn hekk, din il-linja ta' ħidma ser tesplora wkoll il-komplementarjetà tal-miżuri tradizzjonali tal-kontroll tal-armi ma' miżuri usa' ta' governanza tat-teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-istess għanijiet ta' sigurtà, stabbiltà, sikurezza, tnaqqis tar-riskju u nonproliferazzjoni.

3.2. Risultati mistennija

- a) Fehim aħjar tal-elementi b'saħħithom u l-limitazzjonijiet possibbli tas-sett ta' għodod attwali tal-kontroll tal-armi biex jindirizzaw it-teknoloġiji l-ġodda u dawk emerġenti.
- b) Fehim aħjar tal-ġabra usa' ta' għodod tal-governanza tat-teknoloġija (eż. standards tal-industrija, mekkaniżmi ta' awtoregolamentazzjoni) u kif dawk l-għodod jistgħu jiġu sfruttati mill-komunità tas-sigurtà internazzjonali biex titfittex dinja aktar paċifika, stabbli u sigura.
- c) L-arrikkiment reċiproku tal-għarfien fost is-setturi kollha permezz ta' skambju informali, miftuħ għall-Istati Membri kollha tan-NU, l-industrija u s-soċjetà ċivili inġenerali.

3.3. Deskrizzjoni tal-linja ta' ħidma

Din il-linja ta' ħidma ser tibni fuq is-sejbiet tal-Linja ta' ħidma nru 2 biex tinfirex aktar l-analiżi tat-teknoloġiji abilitanti magħżula permezz ta' **erba' studji ta' riċerka addizzjonali** li jiffukaw fuq l-isfidi speċifiċi ta' governanza u l-politiki potenzjali ta' rispons. Bl-istess mod bħal-Linja ta' ħidma nru 2, kull studju ta' riċerka ser ikun ikkomplementat minn **djalogu ddedikat bejn il-partijiet ikkonċernati** li jsir f'format ibridu bil-għan li jinsiltu l-lezzjonijiet identifikati fis-setturi kollha li jistgħu jintużaw biex jittejjbu l-politiki ta' rispons għas-sigurtà internazzjonali.

Barra minn hekk, din il-linja ta' ħidma ser tinkludi l-kunċettwalizzazzjoni u t-tfassil bikri ta' **infografika interattiva** li tippermetti l-identifikazzjoni u l-immappjar tal-għodod u l-istrumenti rilevanti għall-kontroll tal-armi u l-governanza usa' tat-teknoloġija fil-livell reġjonali u internazzjonali għat-teknoloġiji abilitanti magħżula. Din l-attività ser isservi biex tittestja kemm il-metodoloġija biex jiġu identifikati u prijoritizzati l-għodod applikabbli u rilevanti kif ukoll l-għażliet differenti għall-viżwalizzazzjoni tad-data. L-infografika ser tittella' fuq paġna web speċifika fuq il-paġna web tal-UNIDIR.